**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti - Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 102/2022VG**

**Nutar Dottor Marthese Felice**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 13 ta' Marzu 2025**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat min-Nutar Dr. Marthese Felice fit-2 ta' Novembru 2022, permezz ta' liema titlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-Avviż ta' Likwidazzjoni/Notice of Assessment tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 1 ta' Frar 2022 li jġib in-numru ta' referenza IRS20220457 maħruġ fil-konfront tagħha, fejn ġie determinat valur addizzjonali taxxabbli ta' €141,400 u li kellha titħallas taxxa addizzjonali/penali ta' €424.20 **u** d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 26 ta' Settembru 2022 fejn ġiet miċħuda l-oġġezzjoni tagħha, jew alternattivament inaqqas il-likwidazzjoni ta' taxxa u penali maħruġa fil-konfront tagħha b'dak l-ammont li t-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "G" a fol. 3 sa' 10 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrenti mill-Avviż ta' Likwidazzjoni datat 1 ta' Frar 2022 maħruġ fil-konfront tagħha u mid-deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2022 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha, u minflok l-imsemmija Avviż ta' Likwidazzjoni u deċiżjoni jiġu kkonfermati stante li l-aggravji fuq liema r-Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "CTD1" u Dok. "CTD2" a fol. 16 sa' 31 tal-proċess;

Ra li b'Digriet datat 16 ta' Frar 2023[1], ġiet ordnata korrezzjoni fl-intestatura tat-Tribunal fis-sens illi jiżdiedu l-kliem Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti - Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta;

Sema' x-xhieda tal-Perit Paul Micallef mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023[2] u ix-xhieda tal-Perit David Sultana mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023[3] u waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2025[4] u sema' x-xhieda ta' Josette Galdes, Direttur Taxxa fuq il-Proprjetà, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2024[5], ra l-affidavit tar-Rikorrenti markat Dok. "CF1" u kopja ta' l-affidavit ta' Camiller Felice markat Dok. "CF2" esebiti mir-Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fil-11 ta' April 2024 a fol. 73 sa' 75 tal-proċess;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-Difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

## Ikkonsidra:

B'Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 datat 1 ta' Frar 2022[6] maħruġ fil-konfront tar-Rikorrenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ddetermina valur addizzjonali taxxabbli ta' €141,400 u esiga mingħandha ħlas tas-somma ta' €424.20 rappreżentanti taxxa addizzjonali, in konnessjoni mat-trasferiment tal-fond 96, Valley Road, Birkirkara, in forza ta' kuntratt datat 1 ta' Lulju 2021.

B'ittra datata 6 ta' Ġunju 2022[7], ir-Rikorrenti oġġezzjonat għal-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha in bażi għas-segwenti raġunijiet: *The assessment refers to a deed of donation in the records of Notary Dr. Daniela Blake of 1st July 2021 whereby Notary Dr. Marthese Felice transferred inter alia by title of donation to her daughter Camille Felice the nuda proprietas in respect of the house number 96, Valley Road, Birkirkara, which nuda proprietas was valued at EURO336,000. This objection is being made on the following grounds: 1. The value of €420,000 given to the house is the average price which such property would have fetched if sold on the open market on that date and is supported by a valuation by Perit George Chetcuti dated 1st March 2021 (a copy of this valuation is attached to the deed of donation marked Document 1, and the relevant valuation is here attached for ease of reference[8]). 2. Notary Dr. Marthese Felice retained the right of usufruct over the said house, which right of usufruct according to regulation 3 of the Duty on Documents and Transfers Rules (Subsidiary Legislation 364.06) has a value of 20% of the value of the full ownership of the said house, that is to say EURO 84,000. 3. Consequently the value of the nuda proprietas is as stated in the deed of donation, namely EURO 336,000 that is to say the difference between the value of the usufruct encumbering it established in accordance with sub-rule (4) of regulation 3 of the Duty on Documents and Transfers Rules.*

---

[1] Fol. 41 tal-proċess.

[2] Fol. 46 sa' 49 tal-proċess.

[3] Fol. 50 sa' 56 tal-proċess.

[4] Fol. 85 sa' 87 tal-proċess.

[5] Fol. 59 sa' 71 tal-proċess.

[6] Dok. "B" a fol. 4 tal-proċess.

[7] Dok. "E" a fol. 8 tal-proċess.

[8] Il-valutazzjoni tal-Perit George Chetcuti tinsab annessa mar-Rikors promotur markata Dok. "C" a fol. 5 u 6 tal-proċess.

B'Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 datat 26 ta' Settembru 2022[9] maħruġ fil-konfront tar-Rikorrenti, il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lill-istess Rikorrenti li *b'referenza għall-avviż ta' oġġezzjoni kontra l-likwidazzjoni magħmula minn dan id-Dipartiment fuq id-dokument/trasferiment imsemmi*, skond l-imsemmi Avviż 96, Valley Road, Birkirkara, b'kuntratt datat 1 ta' Lulju 2021*, ngħarrfek li skond id-deċiżjoni hawn annessa u markata Dok B2, ma hemm l-ebda raġuni valida biex tinbidel il-likwidazzjoni kif tixtieq int* u għadda biex ikkonferma d-determinazzjoni tal-valur addizzjonali taxxabbli ta' €141,400 u t-talba għall-ħlas tas-somma ta' **€424.20** bħala taxxa addizzjonali.

Ir-Rikorrenti ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa minnu maħruġa fil-konfront tagħha u interponiet dan l-appell minnhom quddiem it-Tribunal.

Hija titlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-Avviż ta' Likwidazzjoni/Notice of Assessment tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 1 ta' Frar 2022 li jġib in-numru ta' referenza IRS20220457 maħruġ fil-konfront tagħha, fejn ġie determinat valur addizzjonali taxxabbli ta' €141,400 u li kellha titħallas taxxa addizzjonali/penali ta' €424.20 **u** d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 26 ta' Settembru 2022 fejn ġiet miċħuda l-oġġezzjoni tagħha, jew alternattivament inaqqas il-likwidazzjoni ta' taxxa u penali maħruġa fil-konfront tagħha b'dak l-ammont li t-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Ir-Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha fuq is-segwenti aggravji: *illi preliminarjament l-Avviż ta' Likwidazzjoni/Notice of Assessment bin-numru IRS20220457 huwa null għall-finijiet kollha tal-Liġi billi l-Kummissarju tat-Taxxi ddiskrimina kontra l-esponenti, in-Nutar Dottor Marthese Felice, meta lill-esponenti ċaħdilha l-oġġezzjoni tagħha mentri fil-konfront tad-donatarja Camille Felice, fir-rigward ta' l-istess transazzjoni, avżaha li l-oġġezzjoni tagħha ġiet aċċetta, u kien biss tardivament, oltre ż-żmien sena mill-jum li fih il-Kummissarju rċieva l-avviż imsemmi fl-artikolu 51 (Dokument G) li biddel id-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tagħha; Mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, il-valur kif stmat mill-esponenti n-Nutar Dottor Marthese Felice, a bażi ta' l-istima magħmula mill-perit tekniku AIC George Chetcuti (Dokument C[10]) huwa wieħed reali u ġust u għalhekk ma kienx hemm lok għal-likwidazzjoni ta' valur taxxabbli addizzjonali; … l-istima tal-Kummissarju ma tieħux kont ta' l-istat tal-proprjetà akkwistata u lanqas iċ-ċirkostanzi kollha li jolqtu lil dik il-proprjetà fiż-żmien tat-trasferiment …. Għandu jiġi rilevat illi l-istima ma tieħux in konsiderazzjoni s-segwenti: Il-fatt illi l-esponenti ittrasferiet b'donazzjoni n-nuda proprietas biss u mhux il-proprjetà intiera tal-fond. Fir-rigward ta' l-Avviż ta' Likwidazzjoni/Notice of Assessment datata 1 ta' Frar 2022, li ġġib in-numru ta' referenza IRS20220457 (Dokument B[11]), kontra l-esponenti n-Nutar Dottor Marthese Felice, ebda perit, li talvolta seta' ġie mqabbad mill-intimat, ma aċċeda ġol-fond u lanqas ma ta l-opportunità lill-esponenti sabiex iġib a konjizzjoni tiegħu l-fatturi rilevanti u ċ-ċirkostanzi kollha li jolqtu l-proprjetà u kien biss fid-29 ta' Lulju 2022, oltre ż-żmien sena mill-jum li fih il-Kummissarju rċieva l-avviż imsemmi fl-artikolu 51, li l-Perit D Sultana, imqabbad mill-intimat, aċċeda ġol-fond; Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat Kummissarju tat-Taxxi ma esebixxix l-istima magħmula mill-Perit tiegħu u lanqas ta spjegazzjoni għalfejn l-istima tiegħu varjat mill-istima dettaljata magħmula mill-perit tekniku AIC George Chetcuti datata 1 ta' Marzu 2021; Fil-fatt id-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 26 ta' Settembru 2022, ma tatix raġunijiet għalfejn l-oġġezzjonijiet kollha mressqa mill-esponenti kienu qed jiġu miċħuda, iżda fis-sustanza*

---

[9] Dok. "A" fol. 3 tal-proċess.

[10] Fol. 5 u 6 tal-proċess.

[11] Fol. 4 tal-proċess.

*tgħid biss li "the Commissioner sees no valid reason for discarding the advice obtained by the architect and confirms the assessment in that respect".*

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tar-Rikorrenti mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 u mid-deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2022 u jitlob li l-istess jiġi miċħud filwaqt li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa u d-deċiżjoni tiegħu jiġu ikkonfermati stante li: (i) huwa għamel użu fil-ħin mid-dritt tiegħu ai termini ta' l-Artikoli 52(5) u 56(3) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) kif jidher mid-dokument esebit bħala Dok. "CTD1", huwa nkariga lill-Perit Paul Micallef sabiex jagħtih stima tal-valur tal-proprjetajiet li ġew trasferiti fil-mument tat-trasferiment u dan b'mod partikolari għal porzjoni diviża ta' art fi Triq il-Waqqafa, limiti tal- Mosta, kontrata Tat-Torba sive Ta' Sqaq Duqqaqa, Mosta, li dwarha nħareġ l-Avviż ta' Likwidazzjoni kontestat b'dan il-proċeduri. Din l-istima ġiet imħejjija entro t-terminu previst mil-Liġi, u dana billi d-data tal-ħatra kienet 3 ta' Novembru 2021 u l-istima tal-Perit ġiet ippreżentata fis-26 ta' Jannar 2022; (iii) id-dokument Dok. "E" anness mar-Rikors promotur ma huwiex d-deċiżjoni finali skond l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta iżda huwa biss aċċettazzjoni ta' l-oġġezzjoni magħmula mir-Rikorrenti u f'dak l-istadju huwa kellu d-diskrezzjoni li jinkariga perit ieħor sabiex jagħmel stima oħra mill-ġdid tal-proprjetà. L-aċċettazzjoni ta' l-oġġezzjoni kif muri fl-istess dokument markat Dok. "E" assolutament ma tfissirx li hija d-deċiżjoni u lanqas ma turi li l-Avviż ta' Likwidazzjoni tħassar. F'dak l-istadju ta' oġġezzjoni, id-deċiżjoni finali kienet għadha ma tteħdietx; (iv) Wara li t-tieni Perit maħtur minnu, ossia l-Perit David Sultana, hejja l-valutazzjoni tiegħu fit-8 ta' Awwissu 2022, huwa, ossia l-Kummissarju tat-Taxxi, għadda biex jibgħat l-Avviż ta' Rifjut ta' l-oġġezzjoni u d-deċiżjoni skond l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta. Meta għadda biex jiddeċiedi t-taxxa b'ordni bil-miktub u nnotifika lir-Rikorrenti li rrifjuta li jemenda l-Likwidazzjoni ta' Taxxa, huwa aġixxa entro t-termini mogħtija lilu bil-Liġi; (v) fil-mertu, l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi una volta skond l-istima ottenuta mill-Perit minnu inkarigat irriżulta li l-valur dikjarat tat-trasferiment kien inqas minn 85% tal-valur reali hekk determinat minnu (ossia mill-Kummissarju), ai termini ta' l-Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kellu jgħaddi biex jiddeċiedi b'ordni bil-miktub l-ammont ta' taxxa dovuta; (vi) kuntrarjament għal dak allegat mir-Rikorrenti, l-istima ta' l-ewwel Perit inkarigat minnu ġiet redatta tenendo kont il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li kienu jolqtu l-istess proprjetà fiż-żmien tat-trasferiment, liema stima tirrifletti l-valur reali li l-proprjetà in kwistjoni kif trasferita, kienet iġġib fis-suq liberu fil-mument tat-trasferiment.

It-Tribunal iqis li l-ewwel punt li għandu jiġi trattat huwa l-aggravju tan-nullità ta' l-Avviż tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 sollevat mir-Rikorrenti.

Ir-Rikorrenti tikkontendi li l-Avviż ta' Likwidazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri huwa null għaliex, skontha, il-Kummissarju tat-Taxxi ċaħad l-oġġezzjoni tagħha mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 datata 1 ta' Frar 2022, filwaqt illi l-oġġezzjoni ta' Camille Felice, mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha, ġiet aċċettata iżda xorta waħda reġa' nħareġ Avviż ta' Likwidazzjoni fis-26 ta' Settembru 2022, fil-konfront tagħhom it-tnejn.

It-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' dan l-aggravju sollevat mir-Rikorrenti u dana billi, hekk kif determinat u deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet "Camille Felice v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 101/2022, deċiż b'sentenza pronunċjata llum ukoll, l-oġġezzjoni ta' Camille Felice ma ġietx aċċettata mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-mertu u l-imsemmi Kummissarju qatt, f'dak l-istadju, ma rtira u rrevoka l-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa kontriha.

L-Artikolu 56 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Jekk xi persuna notifikata jew li tintlaqat b'avviż ta' likwidazzjoni tkun tixtieq tikkontesta dik il-likwidazzjoni, hi tista' tapplika għand il-Kummissarju għal revoka jew għal reviżjoni tagħha b'avviż ta' oġġezzjoni bil-miktub li jispeċifika r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-likwidazzjoni u li jsir fi żmien tletin ġurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviż imsemmi qabel: Iżda l-Kummissarju għandu jtawwal l-imsemmi żmien skond kif ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi meta jkun sodisfatt li l-persuna ma setgħetx tikkontesta l-likwidazzjoni minħabba nuqqas minn Malta, mard jew kull raġuni xierqa oħra. (2) Meta xi persuna li tkun oġġezzjonat għal likwidazzjoni tiftiehem mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas dwar il-likwidazzjoni, din għandha tiġi emendata skond il-ftehim, u l-avviż tat-taxxa li għandha titħallas għandu jiġi notifikat lil dik il-persuna. (3) Jekk ma jintlaħaqx ftehim kif provdut fis-subartikolu (2), il-Kummissarju għandu jiddeċiedi t-taxxa b'ordni bil-miktub u jinnotifika lill-persuna li toġġezzjona avviż li hu jirrifjuta li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub minn dik il-persuna fi żmien tliet snin mid-data ta' meta jirċievi l-imsemmi avviż ta' oġġezzjoni.*

Meta l-avviż tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 28 ta' Frar 2022[12] maħruġ lil Camille Felice, in risposta għall-oġġezzjoni tagħha mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151097, jiġi kkunsidrat b'mod korrett, għandu jirriżulta b'mod ferm evidenti li f'dak l-istadju l-Kummissarju tat-Taxxi ma kienx qed jirtira u jirrevoka dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa minnu maħruġa fil-konfront ta' l-imsemmija Camille Felice.

Biex oġġezzjoni da parte ta' *taxpayer* tiġi kkunsidrata mill-Kummissarju tat-Taxxi, din trid l-ewwel qabel kollox tissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 56(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa kjarament f'dan is-sens li l-oġġezzjoni ta' Camille Felice għal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151097 ġiet aċċettata f'dak l-istadju. Tant il-Kummissarju tat-Taxxi ma kienx qed jaċċetta tali oġġezzjoni fil-mertu, fis-sens li jirtira u jirrevoka l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tar-Rikorrenti, li huwa għarraf lill-istess Rikorrenti b'mod ċar u espliċitu ħafna li *fi żmien qasir għandek tirċievi mingħand il-Perit David Sultana li ser jagħmel spezzjoni oħra. Int mitlub/a tieħu nota tad-data, ħin u post fejn għandkom tiltaqgħu…*

L-intenzjoni ċara tal-Kummissarju tat-Taxxi kienet li fid-dawl tal-punti sollevati minn Camille Felice fl-oġġezzjoni tagħha, jirrevedi l-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa minnu billi jottjeni stima oħra mingħand Perit ieħor. Il-Perit Sultana għamel l-istimi mitluba minnu mill-Kummissarju tat-Taxxi, ossia tal-proprjetajiet: *Plot of Land, Triq Santa Teresa, Birkirkara, Maisonette (Other than at ground floor) (Garage at Ground floor level and overlying duplex maisonette) 41/43 Triq San Ġwann Battista, St. Paul's Bay, 96, Valley Road, Birkirkara, Field Porzjoni Diviża A Triq il-Waqqafa, l/o Mosta, kontrada "Tat-Torba" sive Ta' Sqaq…[13],* fejn appuntu ta l-istimi tiegħu: Plot of Land, Triq Santa Teresa, Birkirkara - €250,000; Maisonette (Other than at ground floor) (Garage at Ground floor level and overlying duplex maisonette) 41/43 Triq San Ġwann Battista, St. Paul's Bay - €420,000; 96, Valley Road, Birkirkara - €320,000; u Field Porzjoni Diviża A fi Triq il-Waqqafa, l/o Mosta, kontrada "Tat-Torba" sive Ta' Sqaq Duqqaqa Mosta - €300,000.

Eventwalment, a bażi ta' l-istimi tal-Perit David Sultana, il-Kummissarju tat-Taxxi ma qabilx ma' l-oġġezzjoni ta' Camille Felice fil-mertu u b'hekk għadda biex jikkonferma l-

[12] Dok. "F" fol. 9 tal-proċess.

[13] Fol. 21 tal-proċess.

Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha fl-1 ta' Frar 2022. Din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa kkonfermata ħarġet fis-26 ta' Settembru 2022, ossia circa seba' xhur mid-data ta' l-oġġezzjoni ta' Camille Felice, u b'hekk ben entro it-terminu ta' tlett snin, u mhux sena kif pretiż, stipulat fil-Liġi.

Una volta li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151097 ġiet ikkonfermata u reġgħet inħarġet fis-26 ta' Settembru 2022, neċessarjament kellha tiġi kkonfermata u terġa' tinħareġ il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 fil-konfront tar-Rikorrenti. Din il-Likwidazzjoni hekk ikkonfermata ukoll ħarġet entro t-terminu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 56(3) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn dan kollu jirriżulta għalhekk li ma kien hemm ebda forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-Rikorrenti u li l-Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa datat 26 ta' Settembru 2022 maħruġ fil-konfront tagħha ma huwiex null.

Fid-dawl ta' dan għalhekk l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrenti ma huwiex ġustifikat u ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Trattat l-aggravju preliminari, it-Tribunal ser jgħaddi biex jittratta l-appell tar-Rikorrenti fil-mertu ossia, dwar jekk il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' l-imsemmija Rikorrenti u d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi tas-26 ta' Settembru 2022 humiex, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ġusti o meno.

Mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri ħareġ punt partikolari li bla dubju ta' xejn jimpinġi serjament fuq il-korrettezza u validità tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tar-Rikorrenti.

Kif già iktar 'l fuq osservat u kif joħroġ ferm ċar mid-dokumentazzjoni esebita, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 - kemm dik oriġinali ta' l-1 ta' Frar 2022[14] kif ukoll dik ikkonfermata in segwitu għall-istadju ta' oġġezzjoni datata 26 ta' Settembru 2022[15] - tirriżulta li nħarġet relattivament għall-fond **96, Valley Road, Birkirkara**, trasferit in forza ta' kuntratt datat 1 ta' Lulju 2021. Mix-xhieda tal-Perit Paul Micallef[16] però, ossia l-ewwel Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi, u mid-dokumentazzjoni esebita mill-istess Kummissarju tat-Taxxi[17], jirriżulta li l-imsemmi Perit intalab mill-Kummissarju jagħti stima tal-valur li **l-għalqa porzjoni diviża A fi Triq il-Waqqafa, limiti tal-Mosta, kontrada Tat-Torba sive Ta' Sqaq Duqqaqa, Mosta**, kienet iġġib fuq is-suq liberu fid-data tat-trasferiment, u huwa effettivament ta stima limitatament fir-rigward ta' tali proprjetà.

Din id-diskrepanza bejn dak mitlub u ottenut mill-Kummissarju tat-Taxxi - ossia stima tal-valur li l-għalqa porzjoni diviża A fi Triq il-Waqqafa, limiti tal-Mosta, kontrada Tat-Torba sive Ta' Sqaq Duqqaqa, Mosta, kienet iġġib fuq is-suq liberu fid-data tat-trasferiment - u s-suġġett ta' l-Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 - ossia t-trasferiment tal-fond 96, Valley Road, Birkirkara b'kuntratt datat 1 ta' Lulju 2021 - ġie spjegat minn

[14] Dok. "B" a fol. 4 tal-proċess.

[15] Dok. "A" a fol. 3 tal-proċess.

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023, fol. 46 sa' 49 tal-proċess.

[17] Fol. 16 sa' 19 tal-proċess.

Josette Galdes[18], Direttur Taxxa fuq il-Proprjetà, bil-mod segwenti: *fuq dan il-kuntratt kien hemm erba' proprjetajiet però l-kont ħareġ fuq proprjetà waħda. … li hija Porzjoni Diviża A mill-għalqa fi Triq il-Waqqafa fil-limiti tal-Mosta.* Mistoqsija mit-Tribunal *però allura għalfejn l-assessment ħareġ 96, Valley Road, Birkirkara?* Josette Galdes wieġbet *iva din hija problema li anke l-qorti ġieli ġibditilna l-attenzjoni u qed narawha anke mal-MITA, illi meta jkun hemm multiple properties il-kont dejjem jippikkja the first one in the list u għalhekk xtaqt niċċarah dan il-punt. Din hija problema ta' l-IT bażikament li qegħdin narawha bħala Dipartiment però nikkonferma li dan il-kont ħareġ specifically fuq din il-porzjon diviża mill-għalqa kontrada tat-Torba sive Ta' Sqaq Duqqaqa, 966 metres squared li kienet iddikjarata 33,600 mill-partijiet.* Mistoqsija jekk f'xi stadju nħariġtx xi Avviż ta' Likwidazzjoni referibilment għall-proprjetà ġewwa il-Mosta, Josette Galdes wieġbet *le għax is-sistema dejjem l-istess wieħed. … Le għax is-sistema ma tippermettix.* Mistoqsija jekk ir-Rikorrenti ġietx infurmata b'din id-diskrepanza u li l-Avviż ta' Likwidazzjoni in kwistjoni kien in verità jirreferi għall-proprjetà ġewwa l-Mosta u mhux għall-proprjetà ġewwa Birkirkara, Josette Galdes wieġbet *bil-kitba ma jirriżultalix mill-file, però jekk forsi jkunu tkellmu ma' xi uffiċjal tad-Dipartiment m'għandix dubju li jkunu spjegawlhom.* Mistoqsija jekk tafx li r-Rikorrenti tkellmitx ma' xi ħadd mid-Dipartiment, hija wieġeb *it's an assumption.* Mistoqsija jekk ir-risposta tad-Dipartiment relattivament għall-oġġezzjoni tar-Rikorrenti, li kienet kjarament marbuta mal-proprjetà 96, Valley Road, Birkirkara, kentix ukoll relattivament għal dik l-istess proprjetà ġewwa Birkirkara, Josette Galdes mill-ġdid wieġbet *iva għaliex ovvjament kollox huwa IT related allura dejjem again jaqbad l-ewwel waħda fis-sistema.* Tenniet illi *s-sistema timputja l-claim number rather than the description of the property. Id-description of the property titla' waħedha mis-sistema kif spjegajt qabel.*

Fir-rigward tan-nomina ta' l-ewwel Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi, Josette Galdes spjegat illi *l-ewwel perit ma ġiex maħtur biex jiċċekkja n-96, Valley Road. L-ewwel perit ġie maħtur biex jispezzjona l-għalqa limits of Mosta kontrada Torba. Il-perit ġie maħtur biex jispezzjona dik il-proprjetà. Il-perit kien Micallef Paul.* Mistoqsija għalfejn id-Dipartiment ma dderiġiex lill-Perit Micallef jispezzjona l-proprjetà ġewwa Birkirkara, Josette Galdes wieġbet *għax dik il-proprjetà, id-Dipartiment aċċetta l-valur tagħha.* Fir-rigward tal-Perit David Sultana, it-tieni Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi, Josette Galdes iddikjarat li *l-Perit David Sultana… ma nafx hekk hux bi żvista jew whatever … nikkonferma li David Sultana spezzjona kollox … għalkemm David Sultana tana l-valur ta' l-erba' proprjetajiet, aħna ħdimna fuq l-aħħar waħda biss jiġifieri t-tlieta l-oħra njorajnihom. Se mai għamel l-inspection għal xejn bil-Malti u ħallasnih għalxejn. Aħna li tajna każ l-aħħar waħda ta' Triq il-Waqqafa, il-field, dik biss ħadna in consideration.*

It-Tribunal ħaseb fit-tul dwar din il-kwistjoni u d-diffikultajiet li toħloq, partikolarment lit-*taxpayer*, ir-Rikorrenti fil-każ in eżami, u finalment wasal għall-konklużjoni li ma jistax u ma għandux jarkivja l-kwistjoni u jibqa għaddej qisu qatt ma kien xejn a bażi tal-konsiderazzjoni sempliċistika li tali diskrepanza nħolqot minħabba kwistjoni ta' IT relattiva għas-sistema kompjuterizzata utilizzata mid-Dipartiment, hekk kif allegat minn Josette Galdes.

Jibda biex jiġi osservat li dak allegat mill-imsemmija Josette Galdes dwar x'taqbad u ma taqbadx bħala dettalji s-sistema kompjuterizzata utilizzata mid-Dipartiment u dwar x'tippermetti u ma tippermettix din l-istess sistema, ma ġie bl-ebda mod ikkonfermat u kkoroborat minn rappreżentant tal-MITA. In effetti għalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi

---

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2024, fol. 59 sa' 71 tal-proċess.

waqqa' l-kwistjoni kollha fuq is-sistema kompjuterizzata utilizzata mid-Dipartiment, u b'hekk fuq kwistjoni ta' IT, huwa lanqas biss indenja ruħu jħarrek rappreżentant tal-MITA biex fl-ewwel lok jikkonferma dak allegat minn Josette Galdes u fit-tieni lok, mhux inqas importanti, jagħti spejgazzjoni dettlajata u teknika ta' kif taħdem din is-sistema.

Apparte minnhekk, mill-provi prodotti jirriżulta li minkejja li l-Kummissarju tat-Taxxi kien konxju mill-fatt li l-istima minnu mitluba u l-valur addizzjonali taxxabbli fuq liema kien qed jesiġi ħlas ta' taxxa ulterjuri u taxxa addizzjonali mingħand ir-Rikorrenti, kienu jirreferu għall-għalqa prozjoni diviża A fi Triq il-Waqqafa, limiti tal-Mosta, kontrada Tat-Torba sive Ta' Sqaq Duqqaqa, Mosta, huwa fl-ebda ħin ma għarraf lir-Rikorrenti u/jew lil Camille Felice b'dan il-fatt u kien biss fir-Risposta tiegħu għall-appell tagħha mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 u mid-deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2022, li ħareġ b'din il-kwistjoni l-ewwel darba. B'hekk l-ewwel aċċenn li l-Kummissarju tat-Taxxi għamel għal din il-kwistjoni kien biss **wara li ddekorra t-terminu entro liema r-Rikorrenti setgħet validament tappella mil-Likwidazzjoni maħruġa fil-konfront tagħha**, appell li, kif jirriżulta ben ċar, ġie minnha impostat fuq il-fond 96, Valley Road, Birkirkara.

Mill-oġġezzjoni tar-Rikorrenti għal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 datata 1 ta' Frar 2022, jirriżulta ferm evidenti li hija kienet qed tqis li dik il-Likwidazzjoni kienet relattiva għat-trasferiment tal-fond 96, Valley Road, Birkirkara. Mhux talli għamlet referenza espliċita għall-imsemmi fond fl-oġġezzjoni tagħha talli addirittura annettiet valutazzjoni tal-Perit George Chetcuti fir-rigward ta' dak l-istess fond. Minkejja li din l-oġġezzjoni tar-Rikorrenti kienet kjarament hekk impostata fuq il-fond 96, Valley Road, Birkirkara, il-Kummissarju tat-Taxxi ma għamel assolutament xejn biex jgħarrafha li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni ma kenitx, skontu, tirreferi għall-fond 96, Valley Road, Birkirkara, iżda kienet tirreferi għal proprjetà oħra, senjatament għall-għalqa porzjoni diviża A fi Triq il-Waqqafa limiti tal-Mosta, kontrada Tat-Torba sive Ta' Sqaq Duqqaqa, Mosta. Mhux talli ma għamel xejn biex jgħarraf lir-Rikorrenti b'din id-diskrepanza talli meta nkariga lit-tieni Perit, ossia lill-Perit David Sultana, huwa inkarigah sabiex jispezzjona diversi proprjetajiet, fosthom il-fond f'Birkirkara u l-porzjoni diviża ta' art fil-Mosta.

It-Tribunal iqis li huwa għal kollox inutili li Josette Galdes tipprova tgħid li ma tafx għalfejn il-Perit Sultana spezzjona wkoll il-fond f'Birkirkara u li dan sar minħabba żball da parte ta' l-imsemmija Perit, meta huwa fatt magħruf u ormai ben stabbilit li il-Periti inkarigati mid-Dipartiment jispezzjonaw il-proprjetajiet immobbli indikati lilhom mid-Dipartiment u ma jagħżlux huma b'mod awtonomu x'jispezzjonaw o meno. Apparte minnhekk mid-dokumenti a fol. 20 u 21 tal-proċess joħroġ ferm ċar li kienet l-istess Josette Galdes li nkarigat u dderiġiet lill-Perit David Sultana sabiex jispezzjona porzjoni ta' art fi Triq Santa Tereza, Birkirkara, il-fond 41/43, Triq San Ġwann Battista, San Pawl il-Baħar, il-fond 96, Valley Road, Birkirkara **u** l-porzjoni diviża A, fi Triq il-Waqqafa limiti tal-Mosta, kontrada Tat-Torba sive Ta' Sqaq Duqqaqa, Mosta.

Għalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi kien jaf li r-Rikorrenti kienet qed tibbaża u torbot l-oġġezzjoni tagħha għal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 mal-fond 96, Valley Road, Birkirkara, meta huwa kkonferma l-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni in segwitu għall-ispezzjonijiet tal-Perit Sultana, fis-26 ta' Settembru 2022, huwa reġa' ħareġ l-Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa marbut mal-fond 96, Valley Road, Birkirkara. Imkien ma hemm ebda aċċenn jew referenza għall-porzjoni diviża ta' art ġewwa l-Mosta. Fil-fehma tat-Tribunal huwa wkoll għal kollox inutili li Josette Galdes tipprova targumenta li l-Likwidazzjoni tat-Taxxa maħruġa f'Settembru 2022 reġgħet ħarġet fuq il-fond 96, Valley

Road, Birkirkara, għaliex is-sistema kompjuterizzata tad-Dipartiment tindika l-ewwel proprjetà elenkata u ma tippermettix li jsiru korrezzjonijiet fl-indikazzjoni tal-proprjetà hekk *captured* mill-istess sistema. Għalkemm il-kont jiġi iġġenerat u joħroġ mis-sistema kompjuterizzata, l-istess kont ma jidħolx f'envelope u jiġi impustat waħdu, lanqas ma jidħol u jiġi ppustjat fil-file tat-*taxpayer* waħdu. Dawn l-atti neċessarjament jinvolvu l-intervent ta' rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi. Il-Kummissarju tat-Taxxi għalhekk għandu, fil-fehma tat-Tribunal, l-obbligu legali nonche morali li jekk Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tat-*taxpayer* tkun, għalih, pertinenti għal proprjetà partikolari li ma hijiex dik indikata fl-Avviż ta' Likwidazzjoni, bħalma hu l-każ in eami, jassigura li dak l-istess Avviż jiġi kkoreġuat manwalment jew inkella li ssir xi forma ta' kjarifika oħra, sabiex it-*taxpayer* ikun jaf eżattament fir-rigward ta' liema proprjetà l-Kummissarju jkun iddetermina valur addizzjonali taxxabbli u b'hekk qed jippretendi l-ħlas ta' taxxa u taxxa addizzjonali jew taxxa addizzjonali biss skond il-każ.

Dana kollu fil-każ in eżami l-Kummissarju ma għamlux u għalhekk illum it-Tribunal għandu quddiemu Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa relattiv għall-fond 96, Valley Road, Birkirkara, bil-likwidazzjoni bbażata fuq stima magħmula fir-rigward ta' proprjetà oħra għal kollox separata u distinta minn dan il-fond, **u** addirittura għandu quddiemu Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa relattiv għal fond, ossia 96, Valley Road, Birkirkara, li l-valur tiegħu kif dikjarat fl-att ta' trasferiment ġie *ex admissis* aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal ma jistax għajr li jasal għall-konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-każ, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 kif maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrenti - kemm dik oriġinali datata 1 ta' Frar 2022 kif ukoll dik ikkonfermata datata 26 ta' Settembru 2022 - hija għal kollox żbaljata u insostenibbli, u b'hekk eċċessiva.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi, filwaqt li **jiċħad** l-aggravju preliminari tan-nullità ta' l-Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 sollevat mir-Rikorrenti u minflok jiddikjara li l-imsemmi l-Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa ma huwiex null in kwantu fil-ħruġ ta' l-istess ġew rispettati it-termini statutorji previsti fid-disposizzjonijiet tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, **jilqa'** però l-appell tar-Rikorrenti mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV151098 u mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 26 ta' Settembru 2022 **fil-mertu**, in kwantu l-likwidazzjoni ta' taxxa da parte ta' l-imsemmi Kummissarju tat-Taxxi rriżultat għal kollox żbaljata u insostenibbli, u b'hekk eċċessiva, u konsegwentement iħassar u jirrevoka l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa u deċiżjoni.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**